TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 137/16/F

**Mark Farrugia**

**vs**

**Watch Clinic Repair Centre**

Illum 26 t'Ottubru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Lulju, 2016 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti riparazzjoni ta' ċinga ta' arloġġ illi wara tmien snin din iċ-ċinga marret.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara arloġġ għal ħamsin ewro (€50) xi tmien snin ilu, u wara dan iż-żmien iċ-ċinga marritlu, u minkejja li l-intimat ipprova jsiblu *replacement* tagħha, din iċ-ċinga kienet tidher *out of stock.*

It-Tribunal, jinnota li l-intimat m'attendiex għas-seduta u lanqas issottometta risposta bil-miktub għal din it-Talba. Pero', t-Tribunal qed jimxi bil-ġustizzja, u jinnota li r-rikorrenti għamel tmien snin juża dan l-arloġġ, u li issa li marret iċ-ċinga ma jistax jippretendi arloġġ ġdid.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tletin ewro (€30), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**